Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Ammissjoni Nru: 3/2016

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Lorena Vanessa Hernandez Munoz

Hector Antonio Montenegro Martinez

Illum, 12 ta' Lulju, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzati Lorena Vanessa Hernandez Munoz, detentrici tal-passaport mahrug mir-Repubblika tal-Panama bin-numru PA0164742 u Hector Antonio Montenegro Martinez tal-passaport mahrug mir-Repubblika tal-Panama bin-numru PA0170545 akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Awwissu, 2015 u matul il-gimghat ta' qabel:-

a) Assocjaw rwiehom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex jbieghu jew jittraffikaw f'dawn il-gzejjer medicina (kokajina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assocjazzjoni, sabiex tigi importata f'Malta id-droga kokajina u dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Importaw, jew gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN393/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew huma propjeta' taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jitrasferixxu jew xort' ohra jiddisponu minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Stuttorja tas-27 ta' Settembru, 2016 fejn l-akkuzati Lorena Vanessa Hernandez Munoz u Hector Antonio Montenegro Martinez ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u

kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatilhom zmien biex jikkunsidraw din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2016 fejn iddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif adebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputati rregistraw l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzata Lorena Vanessa Montenegro Martinez, prezentat waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2016 fejn iddikjaraw illi qablu ai termini tal-artikoli 392B(5)(a) tal-Kodici Kriminali u talbu lil din l-Onorabbli Qorti timponi fuq il-hatja Lorena Vanessa Montenegro Martinez, piena ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' dsatax il-sena (19), flimkien ma multa ta' erbghin elf ewro (€40,000), u dan wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta b' zewg gradi u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess rikorrenti Lorena Vanessa Hernandez Munoz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-4 ta' Mejju, 2017, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, tiddikjara lil Lorena Vanessa Hernandez Munoz u Hector Antonio Montenegro Martinez hatja talli:

F'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Awwissu, 2015 u matul il-gimghat ta' qabel:-

a) Assocjaw rwiehom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex jbieghu jew jittraffikaw f'dawn il-gzejjer medicina (kokajina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assocjazzjoni, sabiex tigi importata f'Malta id-droga kokajina u dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Importaw, jew gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN393/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ikkunsidrat,

Illi għalkemm jidher illi intlaħaq patteġġjament dwar il-piena bejn l-Avukat Generali u l-akkuzata Lorena Vanessa Hernandez Muno, l-istess ma jistax jingħad għall-akkuzat l-ieħor Hector Antonio Montenegro Martinez. Illi l-Qorti għalhekk wara li semgħet ix-xhieda miġjuba 'il quddiem mill-akkuzat Martinez, ezaminat l-atti u d-dokumenti hemmhekk esebieti u dan ai fini tal-piena, tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet;

Illi qabel xejn il-Qorti qieset il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija fejn ġew imfassla il-linji gwida li il-Qorti għandha issegwi liema linji gwida huma indikati fid-decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi f'dan il-kaz l-ammont ta' droga li instabet fil-pussess taz-zewġ akkuzati kien wieħed sostanzjali tant illi din il-Qorti ma tistax ma teħux kont ta' dan il-fattur tant determinanti meta tiġi biex tikkalibra l-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-kaz, għalkemm l-akkuzat Montenegro isostni illi din ma għandhiex tkun l-uniku konsiderazzjoni tal-Qorti. Illi huwa minnu illi l-akkuzat ikkopera mal-pulizija tant illi huwa ser jibbenefika mill-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-massimu tiegħu. Illi huwa minnu ukoll illi l-akkuzat huwa ta' eta zgħira, ġej minn sfond socjali ta' faqar u ma għandu l-ebda vizzju ta' droga. Izda din il-Qorti ma tistax ma tqisx illi l-akkuzat accetta li idaħħal kwantita kbira ta'droga hawn Malta bl-assistenza tal-ko-akkuzata miegħu u dan għal qligħ personali tiegħu biss, mingħajr ma ħa kont tal-ħsara li dan l-aġir tiegħu kien ser jagħmel fis-socjeta Maltija. Fil-fatt mill-atti jirrizulta illi l-akkuzat fil-vesti tiegħu ta' "courier" kien ser jaqla' l-ammont ta' xejn inqas minn ħamest elef dollaru amerikan biex jittrasporta d-droga - droga kokajina li komplessivament bejn iz-zewġ akkuzati kienet tammonta

ghal madwar hdax-il kilo b'purita gholja ta' 40% u b'valur fis-suq ta' nofs miljun ewro. Dan ghamlu b'ghajnejh miftuha, minghajr ma gie bl-ebda mod mhedded jew ingannat. Kwindi issa ghandu iwiegeb ghall-agir tieghu.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Lorena Vanessa Hernandez Munoz għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali u ghandha ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba tinfliggi l-istess piena fuq l-akkuzat Hector Antonio Martinez Montenegro.

Għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii) (3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hatja Lorena Vanessa Hernandez Munoz u Hector Antonio Martinez Montenegro ghal piena kull wiehed ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' dsatax il-sena (19), flimkien ma multa ta' erbghin elf ewro (€40,000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita fi tmintax il-xahar prigunerija.

Tikkundanna wkoll lil hatja Lorena Vanessa Hernandez Munoz u Hector Antonio Montenegro Martinez ihallsu s-somma ta' elfejn, sitt mija, tlettax-il ewro u erbghin centenzmu (€2,613.40) kull wiehed, rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hatja.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur